MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1357/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Rosette Zarb abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Rosette Zarb [11158(M)]**

**Vs**

**Teddy Mifsud u b'digriet tat-Tribunal tal-21 ta' Frar, 2005 l-isem tal-konvenut ghandu jigi "Tadeus sive Teddy"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' mitejn u tnejn u disghin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu

(Lm292.22c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident stante li l-imsemmi ncident sehh minhabba li l-art kienet miksija b'zejt ossija sustanza li kkawzat zlieg b'tali mod li l-konvenut ma setax jevita l-istess incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-*Front to Rear Form* fejn kemm Rosette Zarb u anki l-konvenut qalu li kien hemm iz-zejt mifrux ma' l-art.

Ra x-xhieda ta' Rosette Zarb fejn tghid li harget minn Birkirkara Bypass, daret mar-*roundabout* sabiex tmur fid-direzzjoni ta' Birkirkara u kien dak il-hin li hasset xi zlieq u ma kellhiex kontroll shih tal-vettura.  Tghid li meta waqfet il-karozza taghha hasset id-daqqa minn wara.  Tghid ukoll illi meta grat il-habta hi kienet ghadha fil-karozza.

Ra x-xhieda ta' Teddy sive Tadeus Mifsud fejn jghid illi waqt li kien qed idur mar-*roundabout* ta' l-Universita' ma setax jikkontrolla l-vettura tieghu minhabba z-zejt ma' l-art u ghalhekk gara l-impatt.  Jikkonferma li ma kienx qed isuq wara Zarb ghal xi distanza konsiderevoli qabel l-incident.

Fil-kawza **Vella Vs Camilleri (Prim' Awla 29/01/98)** gie ritenut:

"Li f'materja ta' skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti.  Hemm bzonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti.  Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-iskid; jekk ma tirrizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabbli.  Gie ritenut ukoll insubjecta materia li meta ssir habta minhabba wahda mill-vetturi tkun skiddjat, is-sewwieq tal-karozza jkun responsabbli ma jaghrafx jaghmel il-manuvra mehtiega

biex jevita u jnaqqas l-iskiddjatura. Kellu zmien li jaghmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li taggrava l-iskid."

Illi f'din il-kawza z-zewg persuni nvoluti tilfu l-kontroll tal-vettura minhabba z-zejt. Is-socjeta' attrici ssottomettiet li l-assigurata taghha rnexxielha tikkontrolla l-vettura u ma habtet ma' xejn filwaqt li l-konvenut ma kienx attent bizzejjed u naqas li jikkontrolla l-vettura tieghu u jzomm distanza ragunevoli.

Illi fil-fatt m'hemmx prova konvincenti li kien hemm xi negligenza antecedenti ghall-incident u lanqas li l-konvenut naqas li jaghmel xi manuvra li kellu jaghmel.

Illi m'hemmx provi bizzejjed kontra l-konvenut li l-imsemmi ncident kien tort tieghu.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------